

# Il-Mellieħa u l-inħawi: mill-A sal-K

**David Bartolo**
*B.(European Studies with History) (Hons)(Melit.)*

Il-Mellieħa u l-inħawi jipposjedu għadd bla qies ta' rikkezzi storiċi, kulturali, soċjali u naturali. Issir kemm issir riċerka u jinkitbu kemm jinkitbu kotba, artikli u letteratura oħra qatt mhu biżżejjed u ma tista' bl-ebda mod tagħmel konklużjoni dwar dawn l-inħawi.

Din is-sena ddeċidejt li nibda sensiela ta' artikli sintendi fil-qosor fuq il-Mellieħa u l-madwar f'format ta' enċiklopedija mill-A saż-Ż biex jingħata lok biex xi darba l-Mellieħa jkollha indiċi ta' kull ma tippossjedi f'diversi oqsma tal-ħajja. Minħabba l-ispazju ħa nillimita għal nofs l-alfabet li huwa mill-A sal-K.

## A

### Pietro Paolo Azzopardi

Dan kien l-iskultur li għamel l-istatwa titulari tal-Vitorja fl-1853[1]. Huwa twieled fil-Belt Valletta fl-20 ta'April 1791, ġie mgħammed fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu fl-istess lokalità u miet fl-1875. Meta kien għadu żgħir, il-familja tiegħu marret toqgħod Bormla u reġgħu rritornaw lura l-Belt Valletta fl-1853[2] fejn għamel l-istatwa tal-Mellieħa fil-bottega tiegħu f'numru 7 fi Triq il-Punent fejn kienet lesta fis-6 ta' Settembru tal-istess sena[3].

Minbarra din l-istatwa, huwa għamel ukoll l-istatwi titulari ta' San Ġorġ, ir-Rabat t'Għawdex fl-1839 u San Ġwann il-Battista, ix-Xewkija, ukoll f'Għawdex fl-1845. Ta' min jgħid li dan Azzopardi qabel beda s-sengħa tal-iskultura, huwa kellu negozju taż-żraben[4]

## B

### Patri Alexander Bonnici

Patri Bonnici kien Franġiskan Konventwali, riċerkatur u studjuż magħruf tal-Istorja. Huwa twieled fl-1936 u miet fl-2006. Huwa l-awtur ta' aktar minn mitt ktieb fosthom ġrajjiet ta' diversi lokalitajiet bħall-Isla, in-Nadur u l-Mellieħa fejn kien ħareġ l-istorja tal-ġrajjiet is-Santwarju u l-parroċċa, li ħarġet il-Parroċċa tal-Mellieħa fl-1994, u l-istorja tal-Inkwiżizzjoni f'Malta.

Rigward il-Mellieħa huwa kien ukoll kittieb ta' diversi artikli fuq il-Mellieħa u l-inħawi u anki kien kiteb fuq is-Santwarju u l-parroċċa tul iż-żmien fil-ktieb li ħareġ il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fl-2002: Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien[5].

## C

### Fort Campbell

Il-Fortizza Campbell jew kif inhi magħrufa aħjar bħala l-fortizza ta' Selmun tinsab fl-inħawi magħrufa bħala l-Blata u tinsab bejn d-daħliet tal-Imġiebaħ u l-Mistra u tiġi fuq ir-riħ tal-Gżejjer ta' San Pawl. Din il-fortizza bdiet tinbena fl-1938 wara li ġie deċiż li tinbena tali forti fl-1936 bil-għan li jkun hemm difiża qawwija għad-daħliet tal-Għadira u ta' San Pawl il-Baħar[6].

Fil-bidu tagħha kien hemm il-ħsieb li din tissemma bħala Cumberland Battery imma imbagħad inbidel il-ħsieb u ġiet msemmija għal Sir David G. Campbell li kien il-Gvernatur ta' Malta bejn l-1931 u l-1936[7]. Malli faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija fl-1939 taħt il-kmand tal-Kaptan H.R Micallef[8] , din l-fortizza kellha stazzjonati fiha 81 militar bejn uffiċjali u suldati tal-R.M.A (Royal Malta Artillery)[9].

## Ċ

### Iċ-Ċirkewwa

Dan il-post huwa assoċjat mal-vapuri t'Għawdex u huwa port li jħares lejn il-punent-majjistru. Dan il-port kien beda jinbena fl-1973 u kien lest fl-1977[10]. Maż-żmien kien sar moll ieħor biex jagħmel tajjeb meta l-moll oriġinali jaħkmu l-maltemp u fl-2013 kien sar terminal ġdid[11].

Fl-inħawi taħt il-baħar jinsabu mgħarrqa żewġ bastimenti. Dawn huma l-P29 li qabel beda s-servizz marittimu mal-Forzi Armati ta' Malta kien minesweeper tal-Ġermanja tal-Lvant u li kien ġie mgħarraq fl-14 t'Awwissu tal-2007, u hemm ukoll it-tugboat Rożi li ġie mgħarraq f'Settembru



*Il-P29 qed jiġi mgħarraq fiċ-Ċirkewwa (Times of Malta 15th August 2007)*

tal-1992. Fl-istess inħawi taħt il-baħar insibu wkoll statwa tal-Madonna tal-Għaddasa li kienet tpoġġiet hemm fl-1987[12].

**D**

### Martin De Redin

Dan kien it-58 Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann bejn l-1657 u l-1660. Huwa twieled f'Pamplona fi Spanja fl-1579. Matul il-maġisteru tiegħu huwa bena 13-il torri mal-kosta Maltija minn butu[13]. Tnejn minn dawn it-torrijiet jinsabu fl-inħawi tal-Mellieħa. Dawn huma t-Torri ta' Għajn Ħadid jew ta' Selmun u t-Torri l-Abjad.

**E**

### Ex Voto

Dan huwa terminu fil-qosor bil-Latin għal tifsira ta' wegħda biex tirreferi għall-għoti ta' oġġetti bħala wegħda li jitpoġġew fi knisja bħala ringrazzjament. Dawn fil-Gżejjer Maltin jinsabu l-aktar fi knejjes qodma u dawk li jattiraw ħafna aktar devozzjoni.

Is-Santwarju tal-Mellieħa huwa wieħed minn dawn u jippossjedi diversi kwadri ex voto. Hemm madwar 110 kwadri minn dawn u huma kklassifikati hekk: 63 - Marittimi, 24 - Mard, 6 - Aċċidenti fuq l-Art, 3 - Pesta, 5 - Isqfijiet u 9 - Ġrajjiet oħra u Rigali[14].



*Wieħed mill-ex voto fis-Santwarju tal-Mellieħa (http://www.kappellimaltin.com/Il-Kappelli/Sett05/MLH_Santwarju_Vitorja/Ritratti---Philip-Xuereb------Ex-Voto-Mellieha-088-b.jpg )*



*Il-Madonna tal-Fidwa f'Selmun (http://www.malta-canada.com/churches-chapels/Mellieha.htm)*

**F**

### Antoine Favray

Dan l-pittur pitter it-titular tal-kappella tal-Madonna tal-Fidwa f'Selmun. Huwa twieled fl-1706 f'Bagnolet, barra mill-belt ta' Pariġi fi Franza. Huwa ġie Malta fl-1744 fejn miet fl-1798[15]. Din l-pittura turi lil Katerina Vitale meta waqfet il-Monti tal-Fidwa tal-Ilsiera fl-1609[16]. Dan l-inkwadru l-ewwel kien fil-kappella li kien hemm fil-Palazz ta' Selmun u meta din tbattlet fl-1979, dan ġie mqiegħed fil-kappella l-ġdida[17]. Dan l-inkwadru kien ġarrab xi ħsarat meta l-palazz imsemmi kien safa attakkat waqt it-Tieni Gwerra Dinjija qabel is-sajf tal-1942[18].

**Ġ**

### Papa Ġwanni Pawlu II

Dan il-Papa Pollakk ismu propja kien Karol Wojtyla. Huwa twieled fl-1920 u miet fl-2005. Huwa kien il-264 Papa fejn dam mill-1978 sal-2005.

Dan il-Papa żar Malta tliet darbiet. Fl-ewwel żjara tiegħu fl-1990, huwa żar is-Santwarju tal-Mellieħa fis-26 ta' Mejju. Huwa kellu laqgħa fil-bitha tal-istess Santwarju mal-familjari tal-missjunarji Maltin u daħal jitlob fis-Santwarju fejn anki kixef monument xbieha tiegħu. Fis-Santwarju nsibu mużew b'tifkira tal-istess żjara[19]. Minbarra hekk fl-istess ġurnata huwa bierek statwa ta' Kristu Baħħar ħdejn il-Gżejjer ta' San Pawl.

## G
### Tomas Gargallo

Dan kien Isqof ta' Malta mill-1578 sa ma miet fl-1614. Huwa twieled fil-Katalonja fi Spanja fl-1536.

Fl-1584, l-Inkwiżitur u Logutenent ta' dan l-Isqof, Mons. Pietru Franġisku Costa, kien ta l-permess biex jinbena kunvent qrib is-Santwarju imma dan ma nbeniex[20]. Dan il-permess kien ingħata wara li fl-1581, il-Patrijiet Agostinjani kienu talbu biex jieħdu s-Santwarju f'idejhom. Xi żmien wara fl-1587, l-Isqof Gargallo f'Settembru għamel viżta pastorali fejn sab li x-xbieha tal-Madonna kienet fi stat ħażin ħafna u ordna biex tiġi mpittra mill-ġdid fejn aktarx ġiet esegwita din l-ordni bejn l-1610 u l-1614[21].

## GĦ
### It-Torri ta' Għajn Żnuber

Għajn Żnuber jinsab fuq ir-riħ tal-Manikata u jifforma parti mill-Park tal-Majjistral. F'dan il-post tinsab struttura fuq disinn ta' torri tal-għassa tal-kosta, imma mhux il-każ u jista' jagħti lok li kien jew razzett iffortifikat inkella loġġa għall-kaċċa.

Din l-istruttura hija aktar magħrufa bħala Torri Ciantar u huwa maħsub li nbniet fil-bidu tas-seklu Dsatax. Fl-aħħar snin dan it-torri kien ġie restawrat minn Din l-Art Ħelwa[22]

## H
### Il-Markiż ta' Hastings

Dan kien it-tieni Gvernatur ta' Malta bejn l-1824 u l-1826. Huwa kien twieled fl-1754 u miet meta kien fil-kariga. Huwa kien ġie midfun fil-ġnien li jġib ismu fil-Belt Valletta. Dan il-gvernatur kien biddel il-Batterija ta' Wied Musa f'post ta' villeġġjatura u bena l-Palazz tal-Marfa[23]. Huwa beda jużah bħala residenza għas-sajf, kif ukoll bħala lok għal-kaċċa fejn kienet ġiet mwaqqfa biċċa art mdawra b'ħajt għoli biex jitrawmu ġo fiha l-fniek għall-kaċċa[24].

## Ħ
### Il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann

Din il-ħuġġieġa kienet issir kull sena lejlet l-24 ta' Ġunju, il-festa ta' San Ġwann il-Battista, il-qaddis patrun tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Fil-perjodu tal-ħakma ta' din l-ordni, din il-ħuġġieġa kienet tagħmel parti mill-mixegħla ta' fjakkli li kienu jkunu parti miċ-ċelebrazzjonijiet[25].

Din id-drawwa kienet ukoll ssir fil-Mellieħa u maż-żmien spiċċat. Malli ġew stabbiliti l-Kunsilli Lokali f'Malta, dawn bdew jaħdmu biex iqajmu ċertu drawwiet u avvenimenti fil-lokalitajiet. Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa qajjem din id-drawwa fil-lokal u din tinżamm kull sena fil-pjazza ewlenija f'ġurnata qrib l-24 ta' Ġunju.

## I
### Imġiebaħ

Dan huwa isem ta' wied u bajja f'Selmun. Żmien ilu meta l-irġiel u n-nisa kienu jgħumu separatament minn xulxin, waqt li l-irġiel kienu jgħumu l-Blata jew il-Gżejjer ta' San Pawl, in-nisa kienu jgħumu hawnhekk[26]. F'dan il-post jinsabu rziezet tradizzjonali Maltin u anki xi pillboxes. Dan il-post huwa wieħed mill-ftit ġewwa Malta li għad fih siġar tal-ballut[27].

Il-kelma Imġiebaħ ġejja mill-plural ta' miġbħa, li tfisser fejn ibejjet in-naħal b'rabta mal-għasel li flimkien mal-melħ taw l-isem lill-Mellieħa.

## J
### Junkers

Dawn kienu ajruplani tal-gwerra Ġermaniżi li ntużaw waqt it-Tieni Gwerra Dinjija. Ewlieni fost dan it-tip kienu l-iStukas. Dawn l-ajruplani ntużaw kemm-il darba għall-attakki fuq Malta.



*Junker Stuka (https://www.world-war-2-planes.com/ju_87.html)*

Fost dawn l-attakki kien hemm dawk fuq il-Mellieħa stess. Attakk imsemmi fuq il-Mellieħa u l-inħawi ġara nhar il-25 t'April 1942 meta ajruplani Ġermaniżi li probabbli kienu Junkers tefgħu diversi bombi matul il-ġurnata u anki ħallew xi vittmi[28]. Fost oħrajn ukoll, Junker kien intlaqat u wara kkraxja f'Għajn Tuffieħa fid-29 t'April 1941[29] u ieħor ġie mwaqqa' u kkraxxja fil-baħar ħdejn l-Aħrax fit-8 ta'Mejju 1942[30].

## K
### HMS Kingston

Dan kien destroyer Ingliż li kien ikkummissjonat f'Settembru 1939 u ħa sehem fil-Battalja ta' Kreta u anki għerraq diversi bastimenti tal-għadu Taljan. Huwa kien milqut diversi drabi u safa mgħarraq fil-baċir numru 4 fit-Tarzna ta' Malta f'April 1942.

F'Ġunju tal-1943 huwa kien meħud bejn il-Gżejjer ta' San Pawl u Selmun biex jimblokka dak il-fliegu biex jipprovdi kenn akbar fil-preparamenti tal-invażjoni ta' Sqallija[31]. Fil-bidu tas-snin ħamsin tas-seklu għoxrin, dan il-vapur kien ġie skrapjat u mgħerraq minn nies Taljani[32].

Dawn il-fatti marbuta mal-Mellieħa u l-madwar

hemm fejn jiġu aktar mistħarrġa u studjati aktar fid-dettal. Żgur li dawn u ħafna aktar jistgħu jitnisslu f'enċiklopedija li sservi tajjeb bħala referenza għal diversi għanijiet fuq il-Mellieħa u l-inħawi, u li tista' faċilment tiġi aġġornata matul iż-żmien kemm biex issir aktar riċerka u anki biex jidħlu fatti ġodda li jseħħu matul iż-żmien.

## Referenzi

[1] Bonnici, A. (2002), p 67
[2] Duncan,H. (2007), p 17
[3] Bonnici, A. (2002), p 67
[4] Duncan, H. (2007), p 17
[5] Catania, J. (2002), p 238
[6] Debono, C. (2014), p 15
[7] Cachia Zammit, B. (2015), p 126
[8] Borg, P. P. (1989), p 60
[9] Cachia Zammit, B. (2015), p 128
[10] Cassar, M. (2014), p 168
[11] Ibid p 171
[12] Vella, E. (2008), p 8
[13] Borg, J. (1978), p 305
[14] Muscat, J. (2009), p 112
[15] Fiorentino, E. (1998), pp 49-54
[16] ibid
[17] Borg, P. P. (1989), p 33
[18] Borg, P. P. (1989), pp 62&63
[19] Bonnici, A. (1994,), pp 132&133
[20] Mifsud, G. (1987), p 96
[21] Muscat, J. (2009)
[22] Farrugia Randon, S. (2006), pp 249-250
[23] Muscat, D. (1997), p 11
[24] Muscat, J. (2017), p 9
[25] Morana, M. (2011), p 107
[26] Borg, P. P. ( 1996), p 91
[27] Baldacchino, A. E. (1993), p 13
[28] Debono, C. (2014), pp 45-49
[29] Mizzi, J. A. (2001), p 731
[30] Muscat, J. (2009)
[31] Mizzi, J. A. (2001), pp 1593-1595
[32] http://hmscavalier.org.uk/F64/

## Bibliografija

Baldacchino, A. E. (1993), John Borg 1873-1945 f'*In-Natura, ix-Xitwa 1993 nru 14,* Valletta, SSCN.
Bonnici, A. Patri (1994), *Il-Mellieħa,* Parroċċa tal-Mellieħa.
Bonnici, A. Patri (2002), Is-Santwarju u l-parroċċa tul iż-żmien, f'Catania, J. (ed), *Il-Mellieħa Mal-Milja taż-Żmien*, Veritas Press.
Borg, J. (1978), The 13 towers of De Redin, f'Mizzi, P. (ed), fil-*Heritage nr 16*, Midsea Books Ltd.
Borg, P. P. (1989), *Selmun u l-Inħawi,* Valletta, Bugelli Publications.
Borg, P. P. (1996), *Selmun A Story of Love,* Valletta, Union Print.
Cachia Zammit, B. (2015), *Conflict Archaeology in the Landscape: A survey of World War II Defences at Selmun, Malta* (teżi mhux ippublikata) Università ta' Malta.
Cassar, M. (2014), *The Gozo-Malta Connection,* Qrendi, Best Print.
Catania, J. (2002), Is-Santwarju u l-parroċċa tul iż-żmien, f'Catania, J. (ed), *Il-Mellieħa Mal-Milja taż-Żmien*, Veritas Press.
Debono, C. ( 2014), *Wartime Mellieħa Volume 1 - The role of the village during the Second World War 1940-43*, Ħannieqa Kotba Melleħin Nr 4 - Kunsill Lokali Mellieħa.
Duncan, H. Patri (2017), A famous Maltese sculptor (1791-1875), fil-*Malta Independent 25 ta' Mejju 2017*.
Farrugia Randon, S. (2014), *Heritage Saved Din l-Art Ħelwa 1965-2015,* Luqa, Miller Distributors Ltd.
Fiorentino, E. (1998), *Antoine Favray and his works, Treasures of Malta Summer 1998, Volume 4 Issue 3,* Fondazzjoni Patrimonju Malti.
HMS Kingston (F64/G64) - http://hmscavalier.org.uk/F64/
Mifsud, G. (1987), *Il-Madonna tal-Mellieħa – Malta*, Printwell Ltd.
Mizzi, J. A. (2001), Ju88 crashes at Għajn Tuffieħa f'*Malta at War Volume 3 Issue 2*, St Julians, BIEB BIEB Ltd.
Mizzi, J.A. (2001), HMS Kingston sunk in No. 4 dock f'*Malta at War Volume 5 Issue 6,* Rabat, Wise Owl Publications.
Morana, M. (2011), *Bejn Kliem u Storja,* Qrendi, Best Print.
Muscat, D. (1997), Il-Mellieħa fil-bidu tas-Seklu 19 f'*Leħen l-Imperial Għid 1997 Mellieħa* Gozo Press.
Muscat, J. (2009), *L-Istorja tal-Mellieħa Dati Storiċi*, Ħannieqa Kotba Melleħin Nr 1 - Kunsill Lokali Mellieħa.
Muscat, J. (2009), *Ex Voto - Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa-Malta*, Qrendi, Best Print.
Muscat, J. (2014), *Talbiet lill-Kuruna Ingliża Il-Mellieħa 1824-1889 Volume 1,* Qrendi, Best Print.
Vella, E. (2008), Il-Madonna tal-Għaddasa fiċ-Ċirkewwa *f'Festa Marija Bambina 2008, Mellieħa, Parroċċa tal-Mellieħa* A&M Printing Ltd.

Farmer's Fresh





Green Grocer
Fresh Fruit & Vegetables Daily
78, Main Street, Mellieħa
Tel: 21521599
Opening Hours
Mon - Sat 7.00am - 8.00pm
Sunday 8.00am - 8.00pm
Free Deliveries